Kunsill Lokali Birgu

Head Office – Auberge de France, Triq Hilda Tabone, Birgu BRG 1253 Tel : 21662166
e.mail : birgu.lc@gov.mt   website : www.birgu.gov.mt

Minuti tal-laqgħa 37 (06)

Il-Kunsill Lokali tal-Birgu ltaqa' għal laqgħa numru 37 (06) nhar il-Gimgha, 12 ta' Settembru, 2014 fis-1.00 (siegha) ta' wara nofsinhar fl-Ufficini Amministrattivi tal-Kunsill fil-Berġa ta' Franza.

Is-Sebgha u Tletin (37) Laqgha tas-Sitt Kunsill inzammet b'din l-Agenda:-

1. Approvazzjoni ghall-ingagg ta skrivan/a fuq bazi part-time mal-Kunsill Lokali Birgu

Prezenti

Is-Sindku s-Sur John Boxall, il-Kunsilliera s-Sur Anton Gellel, is-Sur Lawrence Attard.

Il-Vici-Sindku is-Sur Trevor Mizzi u l-Kunsillier is-Sur Alan Cassar kienu skuzati.

Is-Sinjorina Fiona Said, Segretarju Ezekuttiv

Talba

Is-Sindku s-Sur John Boxall qal it-talba u ta bidu għal-laqgħa.

Bidu tal-Laqgha

Is-Sindku is-Sur John Boxall spjega li wara qbil mill-Kunsill kollu, l-laqgha nzammet fis-siegha (1pm) ta' wara nofsinhar minflok fil-hdax (11.00am) ta' filghodu kif kienet skedata.

1. <u>Approvazzjoni ghall-ingagg ta' skrivan fuq bazi part-time mal-Kunsill Lokali Birgu</u>

1.1 Is-Sindku is-Sur John Boxall fetah din il-materja fejn spjega li fil-granet li ghaddew kienu saru l-interviews wara li harget is-sejha internament u l-Kunsill ma rcieva l-ebda applikazzjoni. Dawn l-interview saru lil kull applikant li kien eligibli li japplika skond il-lista mibghuta mill-Korporazzjoni tax-Xoghol u t-Tahrig.

1.2 Is-Sindku is-Sur John Boxall ressaq quddiem il-Kunsill ir-rapport tal-interviews fejn il-Bord tal-Ghazla ghamel tliet preferenzi ghal dan il-post vakanti fl-ordni t'hawn taht:

a) Lindsey Aquilina
b) Maria Axiaq
c) Priscilla Scicluna

1.3 Wara diskussjoni, fuq proposta tas-Sindku u ssekondata mill-kunsillier is-Sur Lawrence Attard, il-Kunsill qabel unanimament li ghandha tinghazel is-Sinjorina Lindsey Aquilina sabiex tigi assenjata mal-Kunsill Lokali Birgu bhala skrivan (skala 15) fuq bazi part-time.

Il-laqgħa spiccat fis-saghtejn neqsin kwart (1.45) ta' wara nofsinhar.

_________________________ _________________________

Fiona Said ikkonfermati John Boxall
Segretarju Ezekuttiv Sindku